MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 845/2007

**Talba Nru: 845/2007VGD**

Nicholas Anthony Caruana (Id. 751250M).

Vs

Karen Elizabeth Caruana.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ erbgha mija u disgha Liri u erbgha u tmenin centezmu (Lm409.84) rapprezentanti is-sehem taghha mill-kont tad-dawl u ilma tal-fond numru 8, Grosvenor, Saghtar Street, Mellieha, gja fond matrimonjali tal-partijiet, liema kont gie

effettivament imhallas mill-attur skond ircevuta annessa u mmarkata Dok. NAC 01, u liema kont ta’ servizz huwa dovut mill-konvenuta skond il-kuntratt ta’ separazzjoni tat-28 ta’ Lulju 2006 fl-atti tan-Nutar Dr. Mangion. Illi l-konvenuta giet interpellata thallas izda baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes inkluz dawk ta’ l-ittra bonarja tat-23 ta’ Ottubru 2007.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-konvenuta ma ghandha taghti ebda flejjes lill-attur. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi l-konvenuta dejjem hallset puntwalment is-servizzi ta’ dawl u ilma fil-fond indikat inkluz dak il-perjodu indikat mill-attur. Bl-ispejjes kontra l-attur.

Ra l-verbal tat-28 ta’ Marzu 2008, fejn l-attur ceda l-atti fir-rigward tas-sorte, u zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjes.

Ra r-rikors tal-konvenuta tat-28 ta’ April 2008.

Ra d-Digriet tat-30 ta’ April 2008.

Sema’ x-xhieda tal-konvenuta Karen Elizabeth Caruana.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet dwar il-kap ta’ l-ispejjes.

**Ikkunsidra.**

Illi fil-mori tal-kawza l-attur iddikjara li huwa gie kreditat fl-ammont ta’ Lm409.84, u cioe l-ammont tas-sorte mitlub minnu f’din il-kawza, mill-Korporazzjoni tas-Servizzi ta’ l-Ilma, u ghalhekk kien qieghed icedi l-kawza kontra l-konvenuta fir-rigward tas-sorte u jzomm ferm il-kap ta’ l-ispejjes.

Illi ghalhekk jonqos biss li dan it-Tribunal jiddeciedi min mill-partijiet ghandu jigi kkundannat ihallas l-ispejjes ta' dawn il-proceduri.

Skond is-sottomissjonijiet tal-attur, huwa rcieva l-kont minghand il-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma u hallsu minnufieh. Peress illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni, dan il-kont kellu jithallas mill-konvenuta, huwa fetah il-kawza odjerna kontra l-konvenuta sabiex jigbor l-ammont li hallas u li kien dovut minnha. L-attur jghid illi huwa bghat ittra bonarja lill-konvenuta datata 23 ta' Ottubru 2007, fejn talabha thallas l-ammont in kwistjoni. Sussegwentement fetah il-kawza kontra l-konvenuta fis-7 ta' Novembru 2007, u cioe hmistax wara d-data ta' l-ittra imsemmija. Skond hu din l-ittra kienet giet injorata mill-konvenuta, u li kieku l-konvenuta irrispondiet, l-kawza odjerna setghet giet evitata.

Minn-naha taghha, l-konvenuta ssostni li hija ma naqset minn ebda obbligu taghha, u li dejjem hallset il-kontijiet dovuti minnha. Il-konvenuta tissottometti li kieku l-attur ivverifika ftit x'kienu l-fatti u ra li l-konvenuta kienet qed taqdi l-obbligi taghha kif suppost, kienet tigi evitata din il-kawza, u ghalhekk hija m'ghandhiex tbaghti l-ispejjes tal-istess. Apparti dan, fix-xhieda taghha, l-konvenuta bil-gurament taghha tghid illi hija qatt ma rceviet l-ittra msemmija u esebita mill-attur.

Illi in vista ta' dawn is-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet, t-Tribunal jidhrilu li fil-fatt huwa minnu li ma jidhirx li hemm xi nuqqas da parti tal-konvenuta. Hija hallset il-kontijiet dovuti minnha u dan johrog car mill-fatt illi kieku l-Korporazzjoni tas-Servizz ta' l-Ilma ma kienx jirrifondi lura lill-attur l-ammont in kwistjoni. It-Tribunal jidhirlu li l-attur kien herqan wisq biex jipprocedi bil-kawza odjerna kontra l-konvenuta u dan johrog car minn diversi fatturi. Fl-ewwel lok, huwa hallas il-kont in kwistjoni fil-5 ta' Novembru 2007, u fetah il-kawza kontra l-konvenuta ghar-rimbors jumejn biss wara, u cioe fis-7 ta' Novembru 2007. Anki li kieku l-konvenuta kellha kull intenzjoni li tirrifondi l-attur jew tispjegalu li dak il-kont kien diga' thallas minnha, kien ikun impossibbli ghaliha li taghmel hekk f'temp

daqshekk qasir. Di piu, ma hemmx l-icken prova dwar jekk jew meta l-ittra datata 23 ta' Ottubru 2007 waslet ghand il-konvenuta. Ghall-kuntrarju, hemm biss cahda da parti tal-konvenuta illi hija qatt irceviet din l-ittra. Ghalhekk ma jistax jinghad li din l-ittra giet 'injorata' minnha. Anki jekk ghall-grazzja ta' l-argument, dan it-Tribunal ma jemminx il-konvenuta meta tghid li qatt ma rceviet din l-ittra, xorta wahda hemm il-fatt illi perjodu ta' hmistax mid-data ta' l-ittra sad-data meta infethet il-kawza, huwa perjodu ghal kollox qasir, u juri li l-attur ma kellu l-ebda intenzjoni li jipprova jevita kawza.

Ghalhekk jidher li l-attur apparti li kien mghaggel izzejjed, naqas ghal kollox li jipprova jevita kawza billi l-ewwel jaghmel il-verifiki tieghu, fi zmien ragjonevoli, dwar jekk sar xi hlas da parti tal-konvenuta. In vista ta' dan, it-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta m'ghandhiex tbaghti xi spejjes minhabba dan l-agir ta' l-attur.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna l-attur ihallas l-ispejjes kollha ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------